**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TMINTAX**

**24 ta' NOVEMBRU, 2015**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia presieda l-laqgħa.

**18.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

18.1.1 B'referenza għall-punt 17.1.1, iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-Kumitat li għalkemm hu tkellem mal-Kuntrattur Schembri Infrustructurs fejn kien ġie nfurmat li hekk kif ilesti x-xogħol li għandu bħalissa fil-Coast Road, jibda x-xogħol meħtieġ f'Bubaqra. Imma issa li dan ix-xogħol tlesta l-kuntrattur għadu ma bediex ix-xogħol ordnat. Kien hemm qbil li tintbagħat email fejn jitressqu x-xogħolijiet ordnati.

18.1.2 Fir-rigward ta' punt 17.1.2 ic-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-proċess li l-ktieb jinqaleb minn PDF għal word format, tlesta u bħalissa, l-materjal jinsab għall proof reading.

18.1.3 Fir-rigward ta' punt 17.1.3 kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jibgħat reminder lill-Transport Malta, biex tagħti l-approvazzjoni tagħha fuq linji fi Triq il-Luq.

18.1.4 Ġew approvati l-minuti tas-sbatax -il seduta ta’ din il-leġislatura.

***18.2 Ilmenti u suġġerimenti***

18.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dan l-ilmenti:
Is-Sur Joseph Caruana li joqgħod fi Triq Ħal Far irrapporta divcersi drabi kemm l-għassa u kemm fil-Kunsill li minn Triq Ħal Far għalhekmm hemm tabelli biex ma jagħddux vetturi kbar, dawn xorta jagħddu.
Fl-ewwel ġimgħa ta’ Novembru, xi trakk laqat ħajt tas-sejjieħ, propjeta tas-Sur Caruana u hu għamel rapport l-għassa u fil-Kunsill. Is-Sur Caruana qed jitlob li l-Kumitat Amministrattiv jagħmel żewġ bollards, bħal dawk li saru fl-istess triq mal-kappella ta’ Sant Agatha u bħal dawk li saru fi Triq Santa Marija viċin iċ-ċimiteru.

Kien hemm qbil li jsiru tali bollards, u jitwaħħlu kemm jista jkun mal-ħajt ħalli ma jostakolawx it-triq. Il-Kunsillier Joseph D’Amato ma qabilx fil-prinċipju minħabba l-periklu għall-vetturi li jagħddu mit-triq imsemmija.

18.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-approvazzjoni ta’ tliet lampi ġodda fi Triq Ħal Far, tali lampi kienu ġew mitluba fl-aħħar leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta’ Bubaqra.
Kien hemm qbil li għas-sena 2015 tiġi ordnata lampa waħda biss minn dawk approvati u t-tnejn l-oħra jiġu ordnati fis-sena 2016.

18.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kumitat Amministrattiv ta’ Bubaqra għandu lo-approvazzjoni ta’ Transport Malta fuq side road bla isem, fi Triq Fra Gammari Zammit biex issir one way. Kien hemm qbil li jiġi ordnat ix-xogħol.

18.2.4 Il-Viċi Chairperson Maria Schemberi talbet li titwaħħal bozza ġdida fi Triq il-Luq fil-kantuniera minħabba nuqqas ta’ dawl. Kien hemm qbil li tinġieb l-approvazzjoni ta’ sid il-binja qabel ma tintalab l-approvazzjoni biex titwaħħal il-bozza ġdida.

18.2.5 Il-membru Marilyn Sammut ġibdet l-attenzjoni li it-trasport pubbliku li jagħddi minn Bubaqra mhux ser jibqa jagħddi bil-konsegwenza li ser jaffetwa ħazin lir-residenti.

**18.3** **Tiżjin tal-Milied**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li għal din is-sena l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra kien ħaseb li barra jagħmel il-manutenzjoni tal-armar tal-Milied, iżid żewġ muturi għal mal-armar biex jiġu movumentati. Hu ssuġġerixxa biex għas-sena li ġejja l-Kumitat jaħseb għal aktar ornamenti tal-Milied jew aktar muturi biex l-ornamenti jkunu movumentati.

18.3.1 Fir-rigward tal-party tal-Milied tat-tfal, kien hemm qbi li jerġa jsir bħal kuill sena. L-etajiet tat-tfal ikun bejn il 5 u 12 –il sena, jsir fl-Aida Hall u l-ikel jerġa jsir mingħand Eurocaterers minħabba li jagħtih issussidjat. Kien hemm qbil li jinġib magician u d-Dulli għall-entertainment. Kien hemm qbil ukoll li joħoġu l-posters. Dan il-party ser isir fit-18 ta' Diċembru, 2015.

18.3.2 Kien hemm qbil ukoll li ssir il-kartolina tal-Milied u titqassam f'Bubaqra kollha li tinkludi fiha l-poster tal-party tat-tfal.

**18.4** **Ikla tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet stimi ta' ikliet tal-Milied u kien hemm qbil li l-ikla ssir nhar il-15 ta' Jannar 2016 fl-Alexandra Hotel għall-prezz ta' 20Euro all inclusive għall-kull persuna.

**18.5** **Attivita' Kulturali**

18.5.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-Kumitat li daħlu żewġ proposti ta' attivitajiet kulturali, biex isiru f'Bubaqra.
Waħda mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina bl-isem ta' Tieġ Tradizzjonali Malti u l-oħra mill-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria bl-isem ta' Snajja u Artiġjanat fiż- Żurrieq. Id-dati ser ikunu 30 ta' April u 21 ta' Mejju, 2016, rispettivament.

Iċ-Chairperson informa li tali applikazzjonijet ġew sottometti lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għall-approvazzjoni tagħhom u jekk il-Kumitat jingħata fondi jkunu jistgħu jsiru.

### *18.6 Appuntament għas-Seduta li jmiss*

18.6.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:30 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru, 2015 fil-5.30pm

Konfermati, illum ___ ta' Diċembru, 2015

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**